# QORTI TA' L-APPELL

## (APPELL MILL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA)

**PRESIDENT**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 16 ta' Marzu 2001.**

**Numru 5**

**Rikors numru 190B/96 JC**

**Carmelo u Catherine konjugi Mifsud u b'digriet tal-4 ta' Frar 1999 il-gjudizzju gie trasfuz f'isem l-imsemmija Catherine Mifsud stante l-mewt ta' Mifsud Carmelo fis-7 ta' Awissu 1997**

**vs**

**Charles u Rita konjugi Thorne**

**Il-Qorti;**

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

Fil-31 ta' Mejju 2000, il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti sentenza li biha cahad l-eccezzjoni preliminari tal-intimati tal-irritwalita' u n-nullita' tal-proceduri ghaliex ir-rikorrenti kienu naqsu li jhallsu spejjez tal-proceduri precedenti.

“Il-Bord,

Ra r-rikors li jghid:

Illi l-esponenti huma l-proprjetarji ta' garaxx mikri lill-intimati konjugi fl-ammont ta' tmintax -il lira Maltija (Lm18) fis-sena, li jithallsu kull sitt (6) xhur bil-quddiem, u cioe' kull wiehed u tletin (31) t'Ottubru, u kull tletin (30) t'April, ta' kull sena rispettiva, bl-ahhar skadenza li giet accettata mill-esponenti kienet dik ghall-perjodu bejn il-wiehed u tletin t'Ottubru ta' l-elf disa' mija erbgha u disghin (31.10.1994), sat-tletin t'April ta' l-elf disa' mija hamsa u disghin (30.4.1995), wara liema zmien l-intimati konjugi bdew jiddepozitaw il-kera taht l-awtorita' tal-Qorti.

Illi nhar it-22 t'Awissu, 1995, l-esponenti baghtu ittra gudizzjarja lill-intimati li giet debitament notifikata lilhom u fejn kienu ntalbu sabiex jirritornaw lis-sidien esponenti c-cwievet tal-fond garaxx mikri lilhom u jhallu l-istess fond vakanti u bil-pussess liberu, sabiex l-istess esponenti jkunu jistghu jidhlu u jaghmlu uzu mill-garaxx proprjeta taghhom billi l-esponenti kellhom htiega ghalih a bazi ta' l-Artikolu 9 tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, u peress illi l-intimati kienu zammew ghal zmien twil il-fond garaxx indikat maghluq, u dana bi ksur ta' l-Artikolu 9(a) ta' l-istess Kap. 69. Illi dana l-fond garaxx issa ilu maghluq ghal iktar minn erba' (4) snin, u m'huwa minnu xejn dak li gieli allegaw l-intimati konjugi li l-fond 'de quo' ma kienx mikri bhala garaxx izda bhala 'workshop', billi l-intiza kienet dejjem li dan kellu jinkera bhala garaxx.

Illi m'huwa minnu xejn illi l-esponenti konjugi rikorrenti baqghu jircievu l-kera u li dawn kienu waqfu jaccettawha minghajr ebda raguni valida ai termini tal-ligi, billi l-kera baqghu jircivuha r-rikorrenti esponenti konjugi sal-perijodu kif indikat fl-ewwel paragrafu tar-rikors odjern.

Illi, ghaldaqstant, l-esponenti konjugi qeghdin umilment jitolbu lil dana l-Bord sabiex jirriprendu l-pussess tal-fond garaxx proprjeta taghhom li jinsab f'numru 22A, St. Venera Street, fl-Imsida, vicin ferm ir-residenza ta' l-istess esponenti, u dana a tenur kemm ta' l-Artikolu 9(b) tal-Kap. 69, kif ukoll a tenur ta' l-Artikolu 9(a) tal-Kap. 69, partikolarment peress illi l-intimati ma esegwewx il-kundizzjonijiet tal-kiri kif ukoll ma uzawx il-fond 'de quo' ghall-iskopijiet li l-fond kien gie originarjament mikri lilhom.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimati konjugi Thorne inkluz dawk ta' l-ittra gudizzjarja tat-22 t'Awissu, 1995, debitament notifikata lill-istess intimati.

Ra r-risposta ta' l-intimati li eccepew l-ewwelnett illi fit-13 ta' Novembru 1996 f'rikors iehor bin-numru 157B/96 u fl-istess ismijiet ir-rikorrenti gew ikkundannati jhallsu l-ispejjez tal-kawza lill-intimati, dan il-hlas ghadu ma sarx u ghaldaqstant il-prezenti rikors hu irritu u null.

Ra id-dokumenti esebiti, l-atti tal-kawza, l-atti kollha tar-rikors 157B/96 u s-sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera fit-13 ta' Novembru 1996.

Sema' t-trattazzjoni ta' l-avukati fuq l-imsemmija eccezzjoni.

Ra l-verbal tat-13 ta' April.

Ikkonsidra,

1. Illi r-rikors numru 157B/96 fl-ismijiet Carmelo u Catherine konjugi Mifsud vs Charles u Rita konjugi Thorne' kien gie deciz b'sentenza tat-13 ta' Novembru 1996.

2. Illi l-intimati qed jeccepixxu li l-ispejjez relattivi ma thallsux u ghalhekk ir-rikors ta' llum hu irritu u null.

3. Illi l-Bord jifhem li l-intimati qed jirreferu ghall-artikolu 907(2) tal-Kap 12 li jghid li;

> "Il-parti li tirrinunzja ghall-atti ghandha thallas l-ispejjez tal-kawza u hija ma tistax tibda' kawza ohra fuq l-istess haga, qabel ma tkun fil-fatt hallset dawk l-ispejjez lill-parti l-ohra".

4. Illi din id-dispozizzjoni ma tapplikax ghall-kawzi decizi. Fil-fatt fil-Kap 12 tinsab taht it-Titolu IX li hu dwar ir-rinunzja ghall-atti. (ara wkoll sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re 'Saliba vs Triganza', 12/12/83).

Il-Bord ma jidhirlux li ghandu jidhol fi kwistjonijiet ohra mqajjma mill-abili difensuri fit-trattazzjoni.

Ghalhekk jichad l-eccezzjoni bl-ispejjez kontra l-intimati u jiddiferixxi l-kawza ghat-3 ta' Ottubru, 2000 fil-11.30a.m.”

**L-AGGRAVJU**

L-intimati appellaw minn din is-sentenza b'dan l-aggravju preciz :-

(a) Illi fl-ewwel lok fil-mori tal-kawza miet ir-rikorrent Carmel Mifsud u ghalhekk qabel mal-Bord seta' jghaddi biex jaghti sentenza, r-rikorrenti appellati kellhom l-obbligu li jaghmlu t-trasfuzjoni tal-atti sabiex jidhlu l-eredi tal-istess Carmel Mifsud.

(b) Illi l-Bord naqas jiehu konsiderazzjoni tad-diversi punti mqajma quddiemu mill-intimati appellanti waqt it-trattazzjoni, anzi kif qal hu stess ma kienx dahal fihom meta kellu l-obbligu li janalizzahom sabiex ikun jista' jasal ghal decizjoni gusta fuq l-ewwel eccezzjoni mressqa minnhom.

(c) Ghalhekk il-Bord ma kienx korrett meta kkonkluda li hu kellu qed jirrespingi l-eccezzjoni preliminari tal-appellanti u meta ddecieda li ma kienx hemm il-htiega li l-ispejjez tal-kawza precedenti fuq l-istess mertu jigu mhallsa qabel ma setghet tinfetah kawza ohra.

**KONSIDERAZZJONIIJIET TA' DIN IL-QORTI**

Din il-Qorti rriproduciet verbatim l-aggravju tal-appellanti biex jissottolineja l-infondatezza assoluta tieghu. Infatti fir-rigward tal-ewwel punt imqanqalu cioe' dak li jirrigwarda t-trasfuzjoni tal-gjudizju wara l-mewt tar-rikorrent Carmel Mifsud, din il-Qorti ezaminat l-atti processwali u sabet illi fl-4 ta' Frar 1999, il-Bord li Jirregola l-Kera kien laqa' talba tar-rikorrenti Catherine armla ta' Carmelo Mifsud biex l-atti tal-kawza minn fuq isem zewgha l-istess Carmelo Mifsud jigu trasfuzi f'isimha. Dan peress li Carmelo Mifsud miet testat u b-disposizzjoni testamentarja in atti nutar Dr. Anthony Gatt tal-4 ta' Gunju 1982 halla l-eredi ta' l-uzufrott generali tal-assi tieghu lill-istess martu Catherine Mifsud. Dan l-aggravju hu ghalhekk manifestament insostenibbli u jixhed biss leggerezza kbira fil-mod kif gie redatt ir-rikors tal-appell apparentament minghajr l-icken verifika tal-kontenut tal-process.

L-istess jista' jinghad fir-rigward tat-tieni aggravju, suppost fil-mertu, tal-appellanti li bih jilmentaw li l-ewwel Bord naqas li jiehu konjizzjoni tad-diversi punti mqajma quddiemu mill-intimati appellanti waqt t-trattazzjoni tal-kawza. Minn imkien ma tirrizulta xi riferenza ghal dawn il-punti rilevanti li suppost tqanqlu mill-intimati f'dak l-istadju tal-kawza u li l-Bord kellu l-obbligu li jivverifika imma li fil-fatt ma vverifikax.

Bizzejjed jinghad illi f'dan l-istadju l-Bord iddecieda biss eccezzjoni preliminari dwar jekk ir-rikorrenti appellati kienux jew le obbligati li jhallsu l-ispejjez tal-kawza bejn l-istess partijiet fuq l-istess mertu

precedentement deciza mill-Bord. Fis-sentenza appellata l-Bord irrigetta dik l-eccezzjoni b'motivazzjoni ben artikolata illi l-appellanti fir-rikors tal-appell bl-ebda mod ma ccensuraw. Una volta l-konsiderazzjoni tal-Bord fis-sentenza appellata ma jidhirx li kienet qed tigi kontestata da parti tal-intimati appellanti, l-istess Bord kien aktar minn gustifikat illi ma jikkonsidrax sottomissjonijiet ohrajn minnhom maghmula fuq l-istess eccezzjoni. Dan ghaliex kien bizzejjed ghall-Bord illi jindika raguni wahda u tajba biex jichad l-eccezzjoni preliminari tal-appellanti.

Dan l-appell jirrizulta ghalhekk ghal kollox frivolu u vessatorju maghmul bi skop biss biex jittawlu l-proceduri u tigi mdewma d-decizjoni finali fuq it-talba tar-rikorrenti appellanti ghar-ripreza tal-fond. Sew allura li l-appellanti jigu kundannati jhallsu spejjez ghal darbtejn fuq dan l-appell lill-appellati kif espressament jipprovdi l-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili f'kazijiet ta' abbuz tal-process gjudizzjarju ta' din ix-xorta.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata. L-appellanti qed jigu kundannati jhallsu spejjez doppji ta' dan l-appell lill-appellata.

Dep/Reg

mg